31999D0201

18.3.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 71/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Diċembru 1998

dwar il-Ftehim milħuq bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali fir-rigward ta' kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti magħmulin mill-annimali

(1999/201/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li ikkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali fir-rigward tal-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti magħmula mill-annimali jipprovdi mezzi xierqa biex jiġu mwettqa fil-prattika d-disposizzjonijiet tal-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji fir-rigward ta' miżuri tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali;

Billi l-Ftehim għandu jikkontribwixxi biex jiġi faċilitat il-kummerċ bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada ta'annimali ħajjin u ta' prodotti magħmula mill-annimali permezz ta' l-għarfien progressiv, ta' l-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji, l-għarfien ta' l-importanza tas-saħħa ta' l-annimali, l-applikazzjoni tar-reġjonaliżmu u t-titjib fil-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni;

Billi huwa xieraq li jsiru disposizzjonijiet għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Permanenti Veterinarju;

Billi l-Ftehim għandu jiġi approvat għan-nom tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali fir-rigward ta' kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti magħmula mill-annimali huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim u l-Annessi mehmusa miegħu huma mehmuza ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jinnomina persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim bl-iskop li jorbtu lill-Komunità.

Artikolu 3

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi garanziji li jirrigwardaw laħam frisk u prodotti magħmulin mil-laħam ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' ispezzjoni ta' saħħa u veterinarji fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprina, ħnieżer, laħam frisk jew prodotti magħmulin mil-laħam ġejjin minn pajjiżi terzi [1], għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE (ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31).

Artikolu 4

Il-Kummissjoni, megħjuna minn rappresentanti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappresenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim.

Il-pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward tal-kwistjonijiet li jridu jiġu ttrattati minn dak il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għandha tiġi stabbilità fi ħdan il-korpi adattati tal-Kunsill, skond id-disposizzjonijiet tat-Trattat.

Emendi għall-Annessi li jinsabu mal-Ftehim li huma r-riżultat tar-rakkomandazzjonijet magħmula mill-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 72/462/KEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. MOLTERER